# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 327/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-atti tal-kawża bin-numru 1148/2020 FDP u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1707/2020 fl-ismijiet:**

**Visionaire Ltd [C92646]**

**vs**

**D'Amato Liam [K.I. Nru: 0141397M],**
**D'Amato Kenneth [K.I. Nru: 0455370M],**
**D'Amato Lourdes née Borg [K.I. Nru: 0145572M]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' April 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti D'Amato talbu lil Qorti sabiex:

   1. *B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 836(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1707/2020 in toto;*

   2. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponenti għandhom assi immobbli suffiċjenti disponibbli li jiġu offruti bħala garanzija alternattiva għall-mandat ta' sekwestru, u dan riferibbilment bl-għoti ta' ipoteki*

*speċjali fuq l-appartament Nru 11 u fuq il-penthouse Nru 13 sopra indikati liema valur tagħhom jissodisfa l-ikkawtelar tal-pretensjonijiet tas-sekwestranta;*

3. *Tiddikjara illi l-esponenti għandhom jagħtu l-istess ipoteki speċjali bħala alternattiva għall-mandat ta' sekwestru viġenti;*

4. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammonti depożitati fir-Reġistru tal-Qorti stante l-mandat odjern jintraddu kollha lis-sekwestrati ai termini tal-Art 836(7);*

5. *Tordna lis-sekwestranta sabiex tħallas penali ai termini tal-Artikolu 836(8) paragrafu (b) u/jew (ċ) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Tillikwida d-danni li l-esponenti ġarrbu bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tikkundanna lis-sekwestranta tħallas id-danni hekk likwidati ai termini tal-Artikolu (9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Tordna u tagħti kull ordni u/jew provvediment ieħor opportun, neċessarju u/jew meħtieġ sabiex dawn il-preċedenti talbiet, kollha jew in parti, jiġu effettivament mħarsa u/jew eżegwiti;*

8. *Tikkundanna lis-soċjetà sekwestranti tħallas l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.*

2. Rat illi s-soċjeta' intimata Visionaire Ltd laqgħet għal dak mitlub billi qalet illi trid tinġieb prova dwar garanzija alternattiva filwaqt illi oġġezzjonat għat-talbiet l-oħra stante illi huma eċċessivi.

3. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2021, il-Qorti laqgħet it-tielet talba filwaqt illi rriservat li tipprovdi dwar it-talbiet l-oħra u ordnat lir-rikorrent sabiex jagħtu ipoteka speċjali bħala alternattiva għall-mandat ta' sekwestru viġenti sa mhux aktar tard mid-9 ta' Lulju 2021, li kopja tagħha għandha tiġi ppreżentata fl-atti tal-proċeduri odjerni, u tirriserva illi tipprovdi finalment għar-rikors odjern fil-15 ta' Lulju 2021.

4. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021, ġew ippreżentati żewġ Ipoteki Speċjali a favur tas-soċjeta' intimata, Nru 14051 u Nru 14052.

5. Rat illi Ipoteka Speċjali Nru 14052, mogħtija minn Kenneth D'Amato u Lourdes D'Amato lil Visionaire Limited, tipprovdi għall :

*Kreditu:*

*Erbgħa u sebgħin elf, mitejn u tmien euro u tnejn u sittin ċenteżmi [€74,208.62), bl-imgħax legali, in kawtela skont is-sentenza preliminari*

*tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fl-atti tal-kawża bin-numru elf, mija u tmienja u erbgħin tas-sena elfejn u għoxrin ittri FDP (1148/2020 FDP) u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru elf, seba' mija u sebgħa tas-sena elfejn u għoxrin (1707/2020) fl-ismijiet Visionaire Ltd (C92646) vs D'Amato Liam (K.I. Nru: 0141397M), D'Amato Kenneth (K.I. Nru: 0455370M), D'Amato Lourdes nee Borg (K.l. Nru: 0145572M).*

6. Rat illi tali ipoteka speċjali hija reġistrata fuq:

   *Iż-żewġ garages li jġibu n-numri erbgħatax (14) u ħmistax (15) fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra, kantuniera ma' Triq Dun Vincenz Saliba, Birkirkara, bid-dritijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha.*

7. Rat illi Ipoteka Speċjali Nru 14051, mogħtija minn Liam D'Amato, tipprovdi għas-segwenti:

   *Kreditu:*

   *Erbgħa u sebgħin elf, mitejn u tmien euro u tnejn u sittin ċenteżmi [€74,208.62), bl-imgħax legali, in kawtela skont is-sentenza preliminari tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fl-atti tal-kawża bin-numru elf mija u tmienja u erbgħin tas-sena elfejn u għoxrin ittri FDP (1148/2020 FDP) u wara 1-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru elf, seba' mija u sebgħa tas-sena elfejn u għoxrin (1707/2020) fl-ismijiet Visionaire Ltd (C92646) vs D'Amato Liam (K.I. Nru: 0141397M), D'Amato Kenneth (K.I. Nru: 0455370M), D'Amato Lourdes nee Borg (K.l. Nru: 0145572M).*

8. Rat illi tali Ipoteka Speċjali hija reġistrata fuq is-segwenti:

   *Ipoteka Speċjali fuq (a) l-appartament internament immarkat bin-numru ħdax (11); (b) il-penthouse internament immarkata bin-numru tlettax (13) bil-bejt u l-arja relattivi tagħha; u (c) il-partijiet komuni tal-blokk 'il fuq mill-livell tal-appartament internament numru disgħa (9) - kollox formanti parti minn blokk bini bla numru u jġib l-isem ta' "Block Court", fi Triq iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar, liema blokk imiss mit-tramuntana u Lbiċ mal-imsemmija triq u mill-grigal ma' beni ta' George Houghton.*

   *L-imsemmija appartament numru ħdax u penthouse numru tlettax (13): (i) huma suġġetti għas-servitujiet passivi u jgawdu d-drittijiet attivi, riżultanti mill-posizzjoni relattiva tagħhom; (ii) għandhom in komun mal-appartamenti sottoposti numri wieħed (1), tlieta (3), ħamsa (5), sebgħa (7) u disgħa (9), l-entratura u l-entrata tal-blokk, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ, is-sistema tad-drains u d-drenaġġ; (iii) huma suġġetti għad-dritt favur l-imsemmija appartamenti numri wieħed u tlieta (1 u 3), li jużaw l-imsemmi bejt, u flimkien mal-appartamenti l-oħra, li jżommu tank tal-ilma u*

*televixin aerial fuq l-istess bejt kull wieħed - altrimenti liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha.*

*Jiġi ddikjarat illi din l-ipoteka speċjali qed tiġi mogħtija għal kull buon fini, peress illi l-propjeta' hawn fuq deskritta hija ġia ipotekata favur l-istess soċjeta' Visionaire Ltd permezz tan-nota ta' ipoteka u/jew privileġġ numru sittax-il elf, tliet mija u tletin tas-sena elfejn u għoxrin (16330/2020).*

9. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2021 ir-rikors ġie differit għal deċiżjoni finali.

10. Rat il-varji talbiet illi saru fir-rikors promotur, fejn ser tipprovdi kif ġej:

    a. Dwar it-tħassir tal-mandat ta' sekwestru, dana ser jintlaqa' a tenur tal-Artikolu 836 (1) (c) stante il-preżentata ta' Ipoteka Speċjali fuq indikata
    b. Dwar id-dikjarazzjoni li li l-esponenti għandhom assi suffiċjenti, din il-Qorti ser tiċħad it-talba stante illi ma tqisitx suffiċjenti mis-soċjeta' intimata.
    c. Dwar it-tielet talba, dina ġia ġiet deċiża.
    d. Dwar ir-raba' talba, il-Qorti mhix ser tilqa' tali talba stante illi tali talba a tenur tal-Artikolu 837 (7) ma hijiex ppruvata.
    e. Dwar il-ħames, sitt, seba' u tmien talba, il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' rikorrenti kellha kull dritt li tipproteġi d-drittiijet tagħha għall-pretensjonijiet minnha mqajjma permezz ta' proċeduri fil-Qorti, u għalhekk tali talbiet ma humiex ser jitqiesu minn dina l-Qorti.

11. Dwar spejjeż, il-Qorti tqis li l-proċeduri odjerni setgħu jiġu evitati bil-ħruġ ta' Ipoteka Speċjali da' parte ta' l-intimati, għalkemm huwa minnu illi s-soċjeta' intimata ġia kellha fil-pussess tagħha Ipoteka Speċjali oħra, w għalhekk tqis illi kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha;

U wara illi rat l-atti ppreżentati mir-rikorrenti fit-8 ta' Lulju 2021;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba u b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 836(1)(ċ) tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1707/2020 in toto;

Tqis illi t-tielet talba ġia ġiet deċiża fit-23 ta' Ġunju 2021.

**Tiċħad** it-tieni, raba', ħames, sitt, sebgħa u tmien talba.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**